



Kumitat għall-Petizzjonijiet

24.3.2023

RENDIKONT TA' MISSJONI

wara ż-żjara ta' ġbir ta' informazzjoni f' Washington D.C. (l-Istati Uniti tal-Amerka) mit-18 sat-22 ta' Lulju 2022, biex jitqajjem għarfien u ssir diskussjoni dwar l-impatt tal-Att tal-Istati Uniti dwar il-Konformità Fiskali tal-Kontijiet Barranin (FATCA) fuq iċ-ċittadini tal-UE u biex isir skambju ta' fehmiet ma' rappreżentanti tal-Kungress tal-Istati Uniti u l-gvern tal-Istati Uniti biex jinstabu soluzzjonijiet konkreti għall-problemi tal-bosta ċittadini tal-UE u l-membri tal-familji tagħhom li ntlaqtu mill-applikazzjoni ekstrasettorjali tat-tassazzjoni abbażi taċ-ċittadinanza, kif imsemmi fil-Petizzjonijiet Nru: 1088/2016, 1470/2020, 0323/2021, 0394/2021

Kumitat għall-Petizzjonijiet

Membri tal-missjoni:

Yana Toom	(Renew) (Kap tal-missjoni)
Alexander Bernhuber	(PPE)
Cristina Maestre Martín De Almagro	(S&D)
Marc Angel	(S&D)
Ulrike Müller	(Renew)
Kosma Złotowski	(ECR)
Mario Furore	(NI)

Introduzzjoni

L-Att tal-Istati Uniti dwar il-Konformità Fiskali tal-Kontijiet Barranin (FATCA), jobbliga lill-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej u barranin oħra biex jirrapportaw l-parteċipazzjonijiet kollha tal-klijenti tagħhom li għandhom jew kellhom rabtiet mal-Istati Uniti tal-Amerka lill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Uniti. Il-FATCA huwa implimentat permezz ta' ftehimiet intergovernattivi (IGAs), li l-Istati Uniti nnegożjaw b'mod bilaterali ma' 113-il pajjiż, inklużi kważi l-Istati Membri kollha. Il-FATCA kien allegatament immirat lejn il-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa minn kontribwenti residenti fl-Istati Uniti, iżda fil-prattika dan affettwa għadd kbir ta' ċittadini Ewropej u b'mod partikolari l-hekk imsejħa "Amerikani aċċidentali", ċittadini li rċevew ċittadinanza Amerikana mat-twelid tagħhom fit-territorju tal-Istati Uniti jew permezz tal-ġenituri Amerikani tagħhom iżda li ma għandhom kważi l-ebda rabta mal-Istati Uniti, kif ukoll mal-membri tal-familja tagħhom li mhumiex mill-Istati Uniti. Minħabba li l-leġiżlazzjoni timponi konsegwenzi finanzjarji severi (ammont ta' perċentili fuq il-valur tal-assi tal-Istati Uniti) għan-nuqqas ta' konformità mill-fornituri tas-servizzi finanzjarji mar-rekwiżiti imposti mill-FATCA, għadd ta' istituzzjonijiet finanzjarji qed jevitaw, b'riżultat ta' dan, in-negożju kummerċjali kollu ma' klijenti li jippreżentaw kwalunkwe konnessjoni mal-Istati Uniti, kemm jekk attwali kif ukoll jekk le. Tali diskriminazzjoni tista' tikkawża ksur tad-Direttiva dwar il-Kontijiet tal-Ħlas¹ li taħtha r-residenti kollha fl-UE għandhom id-dritt għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi. Problema oħra li jiffaċċjaw ir-residenti, l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-gvernijiet tal-Istati Membri tal-UE fir-rigward tal-FATCA tinvolvi r-rapportar tad-data fin-nuqqas ta' numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa jew ta' sigurtà soċjali tal-Istati Uniti. Minkejja l-miżuri ta' għajna li ttieħdu s'issa mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti fir-rigward ta' individwi b'nazzjonalità tal-Istati Uniti li jixtiequ jirrinunzjaw għan-nazzjonalità tal-Istati Uniti tagħhom (miżuri li kienu rrapportati qabel mis-servizzi tal-Kummissjoni lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet (PETI)), iċ-ċittadini tal-UE b'nazzjonalità tal-Istati Uniti għadhom qed jesperenzaw diffikultajiet konkreti (eż. proċeduri kumplessi u tariffi għoljin ta' rinunzja – madwar USD 2 300). Is-Servizz ta' Dħul Intern (IRS) tal-Istati Uniti indika r-rieda tiegħu li jifhem aħjar iċ-ċirkostanzi li fihom l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Barranin ma jkunux jistgħu jirrapportaw numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa (NIT). Is-Servizz ta' Dħul Intern indika li tali informazzjoni tippermetti lill-amministrazzjoni tal-Istati Uniti tagħti aktar kunsiderazzjoni dwar jekk jistgħux jittieħdu miżuri addizzjonali biex jinkoraġġixxu r-rapportar tan-NIT, u jekk tistax tingħata għajna addizzjonali lill-Istituzzjonijiet Finanzjarji Barranin jew lill-kontribwenti tal-Istati Uniti residenti barra mill-pajjiż.

Peress li l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Barranin iridu jirrapportaw data finanzjarja dwar klijenti b'rabtiet mal-Istati Uniti, tqajmu wkoll mistoqsijiet dwar il-konformità mar-regolamenti tal-UE dwar il-privatezza, inkluż l-Artikolu 96 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR)² u l-Artikolu 61 tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi (LED)³. Skont dawn l-Artikoli,

¹ Id-Direttiva 2014/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 214).

² Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

³ Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta'

il-ftehimiet internazzjonali eżistenti li jinvolvu t-trasferimenti internazzjonali ta' data personali li jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni kif applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-GDPR jew l-LED jibqgħu fis-seħħ sakemm jiġu emendati, sostitwiti jew revokati.

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB) iqis li, sabiex jiġi żgurat li l-livell ta' protezzjoni skont il-GDPR u l-LED ma jiġix imminat meta d-data personali tiġi ttrasferita barra mill-Unjoni, għandu jitqies li dawn il-ftehimiet jinġiebu f'konformità mal-GDPR u l-LED fejn dan għadu mhuiwix il-każ.

Fuq dik il-bażi, l-EDPB stieden lill-Istati Membri jivvalutaw u, fejn meħtieġ, jeżaminaw mill-ġdid il-ftehimiet internazzjonali tagħhom li jinvolvu trasferimenti internazzjonali ta' data personali, bħal dawk relatati mat-tassazzjoni (eż. mal-iskambju awtomatiku ta' data personali għal finijiet ta' taxxa) biex jiddeterminaw jekk jistax ikun meħtieġ aktar allinjament mal-leġislazzjoni attwali tal-UE, il-ġurisprudenza u l-gwida tal-EDPB.

Kif indikat ukoll fid-dikjarazzjoni tal-EDPB, l-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data, bħala l-infurzaturi tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, għandhom rwol fundamentali fl-għoti ta' assistenza u pariri lill-awtoritajiet tal-Istati Membri f'dan il-kuntest.

Il-petizzjonijiet u l-petizzjonanti

Il-petizzjonijiet li ġejjin servew bħala l-bażi għal din iż-żjara għal ġbir ta' informazzjoni:

- Petizzjoni 1088/2016, imressqa mis-Sur J.R., ta' ċittadinanza Franċiża, dwar l-allegat ksur mill-Att dwar il-Konformità Fiskali tal-Kontijiet Barranin (FATCA) tal-Istati Uniti tad-drittijiet tal-UE u l-effetti ekstraterritorjali tal-liġijiet tal-Istati Uniti fl-UE;
- Petizzjoni 1470/2020, imressqa minn Ronald Ariës, ta' ċittadinanza Netherlandiża, dwar problemi bil-FATCA wara bidla fil-bank;
- Petizzjoni 0323/2021, imressqa minn G.L., ta' ċittadinanza Franċiża, b'erba' firem, dwar allegat ksur ta' ċerti drittijiet ta' ċittadini binazzjonali Ewropej/Amerikani li jirriżultaw minn FATCA;
- Petizzjoni 0394/2021, imressqa minn Lee Nicholas, ta' ċittadinanza Amerikana, dwar l-eżenzjoni taċ-ċittadini tal-Istati Uniti mir-regolamenti PRIIPS minħabba l-FATCA.

Sommarju tar-rendikont tal-laqgħat

It-Tnejn 18 ta' Lulju 2022

15.45 - 16:55

***Elise BEAN, ex-direttur tal-Persunal u Konsulent Ewlieni, Sottokumitat Permanenti
dwar l-Investigazzjonijiet tas-Senat tal-Istati Uniti***

reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠIA, (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

Il-membri tad-delegazzjoni tal-Kumitat PETI ġew infurmati mis-Sinjura Bean dwar il-ġenasi tal-FACTA. Is-Sinjura Bean innotat li r-raġuni għat-tfassil tal-leġiżlazzjoni kienet il-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa minn ċittadini tal-Istati Uniti b'valur nett għoli li sfruttaw lakuni biex jaħbu l-assi mill-awtoritajiet fiskali tal-Istati Uniti billi jakkwistaw status ta' resident u servizzi finanzjarji f'pajjiżi barra mill-Istati Uniti. Il-membri ġew infurmati li l-FATCA kien strumentali biex iġiegħel lill-istituzzjonijiet finanzjarji u liċ-ċittadini tal-Istati Uniti jiżvelaw assi li qabel kienu moħbija mill-IRS jew irriżultaw fir-ripatrijazzjoni tagħhom. Is-Sinjura Bean saħqet li individwi b'valur nett aktar baxx jew ċittadini normali jgħorru biss piż amministrattiv żgħir biex jikkonformaw mal-FATCA, peress li hemm limiti pjuttost għoljin għall-assi li fuqhom l-Istati Uniti fil-fatt jużaw tassazzjoni ekstraterritorjali. Is-Sinjura Bean qajmet dubju wkoll dwar il-veraċità ta' talbiet ta' ċittadini ordinarji residenti fl-UE li jiġu rrifjutati servizzi bankarji.

Waqt is-sessjoni tal-mistoqsijiet u tat-tweġibiet, il-Membri tad-Delegazzjoni li ġejjin għamlu xi mistoqsijiet u xi kummenti:

Yana Toom saqsiet lill-interlokutor jekk ma taħsibx li l-kamp ta' applikazzjoni tal-FATCA jinkludi grupp wiesa' wisq ta' persuni li għalihom ma kienx neċessarjament maħsub li jkunu soġġetti għal-leġiżlazzjoni u jekk il-ftehimiet intergovernattivi ffirmati mill-Istati Uniti b'mod bilaterali ma' pajjiżi oħra kinux identiċi. Hija nnotat ukoll xi ċittadini tal-UE b'rabtiet mal-Istati Uniti, jew persuni b'ċittadinanza doppja ġew rifużati servizzi bankarji. Is-Sinjura Toom staqsiet ukoll dwar in-nuqqas tal-proporzjonalità tad-data li qed tintbagħat mill-UE lill-Istati Uniti. Hija talbet għal data dwar l-effetti kwantitattivi tal-FATCA.

Marc Angel ikkummenta li kien hemm nuqqas ta' proporzjonalità fl-applikazzjoni tal-FATCA. Huwa staqsa jekk is-Sistema Komuni ta' Rappurtar (CRS) tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) hijiex strument aktar b'saħħtu mill-FATCA. Huwa staqsa dwar l-Amerikani aċċidentali li ma għandhomx NITs u li ġew rifużati servizzi bankarji. Huwa staqsa wkoll jekk kienx hemm xi rieda li titjeb l-proporzjonalità tal-iskambji tad-data taħt il-FATCA.

Alexander Bernhuber staqsa jekk hijiex għażla fakultattiva għall-banek li jipparteċipaw fil-FATCA u jekk il-pajjiżi kollha tal-UE ffirmawx ftehimiet intergovernattivi għall-FATCA.

Is-Sinjura Bean innotat li hemm xi elementi tal-ftehimiet intergovernattivi li huma kemxejn differenti, mingħajr varjazzjonijiet sinifikanti. Hija esprimiet id-dubji tagħha dwar jekk ir-rifuż li jiġu pprovduti servizzi bankarji huwiex riżultat tal-FATCA u jekk huwiex mifruż sew. Hija nnotat ukoll li d-data li qed tiġi skambjata hija ristretta għall-awtoritajiet tat-taxxa u għar-raġunijiet tal-ġlieda kontra l-prattiki illegali. Għaldaqstant, hija nnotat li l-protezzjoni tal-privatezza hija sostitwita minn investigazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi. Hija nnotat li l-biċċa l-kbira tal-persuni b'ċittadinanza doppja mhumiex soġġetti għall-FATCA, peress li hemm limiti li taħthom l-ebda kontribwent ma huwa obligat jirrapporta (USD 50 000 fi flus kontanti jew assi għal residenti tal-Istati Uniti u limiti oġhla b'mod sinifikanti għal residenti mhux tal-Istati Uniti). Hija enfasizzat li l-biċċa l-kbira tal-banek il-kbar irregiżtraw taħt il-FATCA, u għalhekk huma konformi u bħala tali ma għandux ikun hemm problemi fil-provvista tas-servizzi. Fl-iskambju ta' informazzjoni tas-CRS vs il-FATCA, hija nnotat li s-CRS titlob informazzjoni addizzjonali meta mqabbla mal-FATCA, inkluż il-bilanċ tal-kont u s-sjieda benefiċjarja. Il-FATCA mhux se jitlob l-bilanċ fil-kont, iżda minflok id-dħul li wieħed jaqla', li fil-fehma tagħha huwa nuqqas peress li ħafna kriminali jisfruttaw dan billi jiftħu kontijiet fejn ma jħallsux

imgħax. Fil-fehma tas-Sinjura Bean il-penali lejn istituzzjonijiet finanzjarji fil-FATCA ma teżistix fis-CRS. Rigward in-NITs, hija nnotat li huwa proċess pjuttost faċli biex jinkiseb wieħed.

Is-Sinjura Bean innotat li, filwaqt li hija għażla fakultattiva għall-banek li jirreġistraw taħt il-FATCA, il-biċċa l-kbira minnhom għamlu dan, peress li l-biċċa l-kbira tal-UE ffirmat ftehimiet intergovernattivi. Hija nnotat li d-data dwar l-effetti tal-FATCA hija skarsa ħafna, tant li qed toqrob lejn in-nuqqas ta' eżistenza. Saħqet ukoll li l-individwi ma għandhom bżonn jagħmlu xejn mir-rappurtar, iżda huma l-istituzzjonijiet finanzjarji li jagħmlu dan. Il-penali huma imposti fuq l-istituzzjonijiet finanzjarji mhux fuq l-individwi, żiedet tgħid. Hija rrikonoxxiet li l-leġiżlazzjoni taċ-ċittadinanza tal-Istati Uniti hija defiċjenti u esprimiet il-fehma tagħha li hemm ir-rieda li jitjeb il-piż fuq l- Amerikani aċċidentali. Hi kkonkludiet li l-FATCA rriżulta f'livell għoli ta' konformità mar-regoli tat-taxxa . Is-Sinjura Bean kkonkludiet li l-lobbjar kontra l-FATCA joriġina minn individwi tal-Istati Uniti b'valur nett għoli, u għalkemm l-iterazzjoni inizjali tal-FATCA ikkawżat stress liċ-ċittadini normali, dan ma għadux il-każ. Is-Sinjura Bean qablet li għandu jkun hemm ċertu grad ta' proporzjonalità tal-penali għal nuqqas ta' konformità żgħir u involontarju min-naħa taċ-ċittadini. Hija ukoll irriflettiet fuq il-fatt li ċediment dikjarattiv taċ-ċittadinanza mat-twelid għandu jkun ukoll għażla disponibbli għall-ġenituri tat-trabi mwielda fit-territorju tal-Istati Uniti.

17:00 - 18:00

Lagħha tad-delegazzjoni tal-Parlament Ewropew ma' Stavros LAMBRINIDIS, Ambaxxatur tal-UE għall-Istati Uniti tal-Amerka (flimkien mal-membri tad-Delegazzjoni tal-Parlament Ewropew għar-relazzjonijiet mal-Istati Uniti)

L-Ambaxxatur informa lill-Membri dwar is-sitwazzjoni politika fl-Istati Uniti, ikkaratterizzata minn diviżjoni partiġġjana u l-isfidi ffaċċjati mill-istabbiliment politiku tal-Istati Uniti wara l-irvellijiet tas-6 ta' Jannar ġewwa u madwar il-Capitol. Huwa ta ħarsa lejn xi wħud mill-kwistjonijiet konstituzzjonali fuq l-elenku tal-Qorti Suprema tal-Istati Uniti. L-Ambaxxatur Lambrinidis, meta tkellem dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti, innota li l-Amministrazzjoni ta' Biden hija aktar impenjattiva u disponibbli ma' sħab internazzjonali, bħall-UE, u li r-relazzjonijiet bilaterali bejniethom it-tnejn huma aħjar minn qatt qabel u li l-perċezzjoni tal-Parlament Ewropew tjebet sew f'dawn l-aħħar snin ukoll. Hemm għarfien min-naħa tal-Istati Uniti tal-leġiżlazzjoni importanti li l-Parlament għadda riċentement. Il-Membri ġew infurmati wkoll dwar l-isforzi li għamlet id-Delegazzjoni tal-UE mill-adozzjoni tal-FATCA biex tikkonvinċi lill-kontropartijiet tal-Istati Uniti dwar il-ħtieġa biex jittaffew l-effetti negattivi tagħha fuq ċittadini ordinarji b'residenza fl-UE u b'rabtiet mal-Istati Uniti. L-Ambaxxatur Lambrinidis innota li fil-perjodu riċenti jidher li hemm disponibbiltà biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ikkawżati mill-FATCA. Is-Sur Lambrinidis enfasizza waħda mill-isfidi li ffaċċjat l-Amministrazzjoni ta' Biden, jiġifieri li l-Kungress ikun jista' jikkonferma l-impenji li għamel il-President, speċjalment fid-dawl tal-elezzjonijiet ta' nofs it-terminu. Huwa saħaq li l-aggressjoni Russa fuq l-Ukrajna biddlet xi ftit il-pożizzjoni tal-affarijiet barranin tal-Istati Uniti, li issa qed tiddedika aktar mill-attenzjoni tagħha għall-Ewropa. Huwa ppreżenta wkoll evalwazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-Istati Uniti, li kienet taħt pressjonijiet inflazzjonarji.

Waqt is-sessjoni tal-mistoqsijiet u tat-tweġibiet, il-Membri tad-Delegazzjoni li ġejjin għamlu xi mistoqsijiet u xi kummenti:

Marc Angel staqsa jekk il-kontroparti tal-Istati Uniti kinitx taf lil min kellha tikkuntattja meta

xtaqet tkellem lill-UE. Huwa nnota wkoll li l-fatt li d-drittijiet tan-nisa qed jingħataw prijorità fl-aġenda se jgħin lid-Demokratiċi fl-elezzjonijiet ta' nofs it-terminu li ġejjin.

Radoslaw Sikorski staqsa lill-Ambaxxatur dwar il-fehma tal-Istati Uniti dwar l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.

L-Ambaxxatur Lambrinidis wieġeb il-mistoqsijiet tal-Membri billi nnota li t-titjib fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti jagħmel id-diskussjoni politika fuq bażi regolari aktar affidabbli. Huwa nnota wkoll li kien hemm reazzjoni inizjali negattiva kontra d-Demokratiċi f'xi dibattiti kulturali u tal-politiki abbażi tal-ġeneru f'xi wħud mill-partijiet l-aktar konservattivi tal-Istati Uniti, iżda li dan jista' ma jkollux effetti simili fl-elezzjonijiet ta' nofs it-terminu.

09.30 - 10:15

Merħba minn Joseph DUNNE, Kap tal-Uffiċċju ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew f'Washington, D.C.

Is-Sur Dunne laqa' l-ewwel żjara li qatt saret mill-Membri tal-Kumitat PETI f'Washington DC. Huwa faħħar lill-Membri li diġà kellhom effett fuq in-naħa tal-Istati Uniti billi organizzaw iż-żjara ta' ġbir ta' informazzjoni dwar il-FATCA. Huwa ta storja qasira tal-istabbiliment tal-Uffiċċju ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew (EPLO) u l-attivitajiet tiegħu, li jinkludu skambji frekwenti dwar il-politika, u sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet ta' importanza partikolari għall-Parlament. Il-missjoni tal-EPLO hija wkoll li ttejjeb ir-relazzjonijiet mal-Kungress tal-Istati Uniti. Is-Sur Dunne kompli jibni fuq il-briefing tal-Ambaxxatur Lambrinidis dwar is-sitwazzjoni politika tal-Istati Uniti, il-prijoritajiet leġiżlattivi tal-Amministrazzjoni ta' Biden, proċess li, minħabba l-maġġoranza żgħira estrema tad-Demokratiċi fis-Senat, huwa miżgħud b'diffikultajiet. Huwa nnota li l-votazzjoni bipartiġjana dwar il-leġiżlazzjoni Prattikament waqfet f'dawn l-aħħar snin. Huwa nnota wkoll s-setgħa presidenzjali li toħroġ ordnijiet eżekuttivi, li permezz tagħha tista' tgħaddi l-leġiżlazzjoni, iżda tista' titreġġa' lura mill-Kungress. Is-Sur Dunne informa lill-Membri dwar it-taqlib intern fiż-żewġ partiti politiċi fir-rigward tal-kandidati presidenzjali rispettivi tagħhom fit-tellieqa presidenzjali tal-2024. Huwa nnota li wieħed mill-punti rari tal-ftehimiet bejn il-partijiet tal-Istati Uniti hija l-pożizzjoni tagħhom lejn iċ-Ċina. Is-Sur Dunne saħaq li n-naħa tal-Istati Uniti tqis li leġiżlazzjoni riċenti tal-UE, bħall-Att dwar is-Swieq Diġitali, timmira b'mod inġust lill-kumpaniji tat-teknoloġija tal-Istati Uniti. Huwa enfasizza wkoll li, għall-kuntrarju tal-Parlament, l-istruttura tal-kumitati tal-Kungress huma ħafna aktar dgħajfa u huma l-mexxejja tal-Kungress li għandhom fil-verità s-setgħa leġiżlattiva, filwaqt li membru tipiku tal-Kungress normalment jopera b'mod iżolat, ħlief għall-voti.

Waqt is-sessjoni tal-mistoqsijiet u tat-tweġibiet, il-Membri tad-Delegazzjoni li ġejjin għamlu xi mistoqsijiet u xi kummenti:

Marc Angel staqsa dwar ir-raġunijiet għaliex il-membri tal-Kungress rari żaru l-Parlament Ewropew u jekk kienx hemm omologu tas-Sur Dunne fir-rappreżentanza tal-Istati Uniti fl-UE fi Brussell. Huwa staqsa wkoll dwar l-attenzjoni fuq id-drittijiet tan-nisa wara l-qlib tal-leġiżlazzjoni li tiggarantixxi d-dritt għall-abort.

Yana Toom innotat li, fil-każ tal-FATCA, l-UE naqset milli tikseb mandat ta' negozjar. Hija

staqsiet ukoll dwar il-fehma tas-Sur Dunne dwar il-possibbiltajiet ta' suċċess biex jinkiseb titjib fl-applikazzjoni tal-FATCA. Is-Sa Toom staqsiet jekk kontroll Repubblikan possibbli tal-Gvern tal-Istati Uniti jwassalx għal bidla fil-pożizzjoni tal-Istati Uniti lejn l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Hija staqsiet dwar l-effetti okkażjonali tal-kritika tal-Parlament ta' ċerti politiki tal-Istati Uniti.

Ulrike Müller staqsiet dwar l-imblokk leġiżlattiv, fejn il-leġiżlazzjoni hija kważi impossibbli li tgħaddi u esprimiet it-tħassib tagħha li dan ifixkel li tiġi mgħoddija leġiżlazzjoni kruċjali, bħal dik dwar il-ġlieda kontra t-tiġin globali.

Is-Sur Dunne wieġeb li l-Kungress tal-Istati Uniti għandu numru limitat ħafna ta' delegazzjonijiet permanenti, u li din hija r-raġuni ewlenija. L-istruttura inkarigata bl-interazzjoni hija d-Djalogu Trans-Atlantiku tal-Leġiżlaturi. In-naħa tal-Istati Uniti għandha gruppi ta' ħbiberija, li mhumiex prominenti ħafna fl-attività tagħhom. Id-delegazzjonijiet tal-Kungress jintbagħtu taħt il-kontroll tad-Dipartiment tal-Istat u b'kooperazzjoni mal-militar. Il-mod tagħhom kif joperaw mhuwiex trasparenti ħafna, u dan joħloq sfida għall-interazzjoni. Is-Sur Dunne semma wkoll li hemm ħafna interess fl-organizzazzjoni tal-Parlament Ewropew, peress li hemm bżonn li ssir riforma fl-organizzazzjoni tal-Kungress. Xi żjarat tal-Membri tal-Kungress jistgħu jitjiebu, jekk il-Parlament jalloka riżorsi finanzjarji għal dan. Huwa nnota li, għalkemm ġie offrut ufficiċju fil-Parlament għan-naħa tal-Istati Uniti, l-offerta ma ttiġdidix. L-abbozzi ta' liġi mressqa fil-Kungress fl-2010 u l-2011 biex jiġi stabbilit ufficiċju fi Brussell ma kisbux maġġoranza. Huwa nnota li l-gwerra fl-Ukrajna ressqet l-UE u l-Istati Uniti eqreb lejn xulxin u l-appoġġ għall-Ukrajna fl-Istati Uniti huwa bipartigjan. Fl-istess ħin, ir-Repubblikani jagħtu biss appoġġ kwalifikat għall-isforz. Is-Sur Dunne saħaq li l-approċċ tal-Kumitat PETI biex jintlaħqu Membri individwali huwa l-istrateġija t-tajba u li l-interlokutori tal-Kumitat PETI huma Membri anzjani u prominenti ħafna u bħala tali huma l-punt ta' dħul korrett għall-fergħa leġiżlattiva. Huwa nnota wkoll li l-eżekuttiv huwa pjuttost b'saħħtu fis-sistema tal-Istati Uniti u l-laqgħat ippjanati man-naħa amministrattiva huma importanti ħafna. Huwa wissa wkoll dwar ir-riskji għar-relazzjonijiet trans-Atlantiċi jekk maġġoranza Repubblikana terġa' lura fil-Kungress. Is-Sur Dunne saħaq fuq il-ħtieġa għal aktar djalogu, filwaqt li rrikonoxxa wkoll il-ħtieġa li jitqajmu puntwalment kwistjonijiet ta' tħassib. Is-Sur Dunne informa lill-Membri li s-sistema leġiżlattiva hija mblukkata u li din mhix qed tagħti riżultati. Is-Sur Dunne wieġeb li d-drittijiet tan-nisa huma fuq quddiem fl-aġenda u huma kamp ta' battalja politiku ewlieni.

10:30 - 12:00

Skambju ta' fehmiet mal-konsulenti fiskali tal-ambaxxati tal-Istati Membri tal-UE li jaħdmu fuq il-FATCA

L-attachés tat-taxxa qasmu mal-Membri l-fehmiet tagħhom dwar il-kwistjonijiet tal-applikazzjoni tal-FATCA, li jvarjaw min-nuqqas ta' reċiproċità fl-iskambju tal-informazzjoni, id-diffikultajiet li jiffaċċjaw iċ-ċittadini biex jiksibu servizzi bankarji, l-obbligu tagħhom li jimlew id-dikjarazzjonijiet tat-taxxa, l-ispejjeż u l-ostakli involuti il-kisba ta' konformità, inkluża l-kisba ta' NIT, u l-kumplessitajiet u l-ispejjeż involuti biex iċedu ċ-ċittadinanza tal-Istati Uniti. Huma nnotaw li t-Teżor tal-Istati Uniti kien għamel proposti għal titjib fl-hekk imsejħa proposti tal-“Green Book” (proposti għal miżuri leġiżlattivi), iżda dawn ma kinux imxew 'il quddiem fil-Kungress. Ġiet enfasizzata l-importanza tal-linji gwida ta' konformità ppubblikati mit-Teżor, kif ukoll il-fatt li dawn il-linji gwida kienu se jiskadu dalwaqt. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni nnota li kien hemm kisbiet fit-titjib tas-sitwazzjoni f'dawn l-aħħar snin, iżda għad fadal ħafna x'jitjieb. L-interlokutori kollha qablu li kien hemm indikazzjonijiet li n-naħa tal-Istati Uniti

riċentement saret aktar lesta li taċċetta din il-kwistjoni. L-attachés tat-taxxa enfasizzaw ukoll il-fatt li mhux biss iċ-ċittadini jiltaqgħu ma' sfidi ta' konformità li jikkonċernaw il-FATCA, iżda l-banek tal-UE wkoll. Huma enfasizzaw li l-UE kienet għamlet ukoll proposti dwar il-konformità tal-banek u li gwida dwar il-konformità mit-Teżor għandha tintlaqa' tajjeb ħafna. Ir-rappreżentant Irlandiż ta evidenza aneddotali ta' bank li ħareġ mill-Irlanda u li l-klijenti tiegħu ġew distribwiti mill-ġdid lil banek oħra, li rrifjutaw li jipprovdu servizzi lil xi ċittadini li ssuspettaw li setgħu kellhom rabtiet mal-Istati Uniti. Huma kkonkludew billi nnotaw li, fit-terminu medju u twil, se jkun hemm bżonn li jinbidel il-FATCA nnifisu, peress li jkollu jqis il-muniti diġitali u l-kriptoassi.

Waqt is-sessjoni tal-mistoqsijiet u tat-twegġibiet, il-Membri tad-Delegazzjoni li ġejjin għamlu xi mistoqsijiet u xi kummenti:

Yana Toom staqsiet jekk il-ftehimiet intergovernattivi li ffirmaw l-Istati Membri tal-UE humiex identiċi. Hija staqsiet jekk hemmx data dwar kemm ċittadini tal-Istati Uniti jkunu jridu jċedu ċ-ċittadinanza u jekk l-interlokutori kellhomx xi eżempji konkreti li jinvolvu ċittadini individwali. Hija staqsiet ukoll jekk il-limiti fil-FATCA jfissrux li ħafna miċ-ċittadini huma esklużi mill-applikazzjoni tagħha. Hija qajmet ukoll il-kwistjoni tal-ftehimiet intergovernattivi u l-fatt li l-iskambju sproporzjonat ta' data ma kienx konformi mal-GDPR u ma kellux għalfejn ikun, peress li l-IGAs kienu ġew iffirmati qabel ma daħal fis-seħħ il-GDPR. Hija staqsiet jekk kienx hemm xi skop biex titjeb is-sitwazzjoni tal-iskambju tad-data skont il-mandat mill-FATCA.

Marc Angel staqsa dwar id-diffikultajiet biex jinkiseb in-NIT u dwar xi eżempji konkreti ta' ċittadini li ġew irrifjutati servizzi. Huwa staqsa wkoll dwar jekk il-FATCA jew is-CRS kinux aktar estensivi u liema wieħed jinvolvi skambju akbar ta' informazzjoni. Huwa staqsa jekk l-isforzi tal-Presidenza Franċiża dwar il-FATCA kellhomx xi eżitu.

Cristina Maestre qajmet il-kwistjoni tal-perċezzjoni, b' mod partikolari jekk kienx hemm riskju li n-naħa tal-UE titnaqqas bil-perċezzjoni li tipprova tagħmel lobbjar għal individwi b'valur nett għoli. Hija staqsiet ukoll dwar l-ispiża u l-kumplessità biex wieħed iċedi iċ-ċittadinanza tal-Istati Uniti, kif ukoll dwar il-limiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni. Hija staqsiet jekk l-ammonti vasti ta' data miġbura min-naħa tal-Istati Uniti humiex kbar wisq għalihom u jekk in-naħa tal-UE għandhiex pjuttost tiffoka fuq il-limiti.

Alexander Bernhuber staqsa jekk l-interlokutori kellhomx xi għarfien jekk il-FATCA kinitx effettiva fil-qbid ta' dawk li l-aktar jevitaw/jevadu t-taxxa jew jekk gābitx dħul sinifikanti addizzjonali mit-taxxi.

L-interlokutori wiegħbu li l-ftehimiet kollha huma l-istess fis-sustanza, iżda għandhom varjazzjonijiet żgħar ibbażati fuq speċifiċitajiet, bħal tipi differenti ta' kontijiet bankarji, prodotti finanzjarji, bażijiet legali u affarijiet simili. Il-ftehimiet kollha għandhom il-klawżola ta' "nazzjon l-aktar iffavorit", għalhekk jekk tiġi offruta xi faċilitazzjoni lil kwalunkwe pajjiż involut, din tapplika awtomatikament għall-pajjiżi l-oħra kollha wkoll. Huma nnotaw ukoll li l-FATCA tikkonċerna biss liċ-ċittadini tal-Istati Uniti, filwaqt li s-CRS tikkonċerna liċ-ċittadini kollha ta' dawk il-pajjiżi li ffirmaw magħha. Huma nnotaw ukoll li hemm żewġ livelli ta' konformità, jiġifieri l-ewwel mudell fejn l-informazzjoni tiġi rrapportata lill-pajjiż li mbagħad jibgħatha lill-Istati Uniti u t-tieni mudell fejn l-istituzzjonijiet finanzjarji ji ttrasferixxu d-data direttament lill-Istati Uniti. Huma tennew li ċ-ċittadini li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-FATCA jiffaċċjaw diffikultajiet, peress li għandhom bżonn jagħmlu d-dikjarazzjonijiet tat-

taxxa, u jqabbd u professjonisti biex jassistu fil-konformità. Ma kien hemm l-ebda skop biex tintlaħaq soluzzjoni fuq bażi ta' pajjiż wieħed, minħabba l-klawżola ta' "nazzjon l-aktar iffavorit". Ir-reċiproċità kienet importanti wkoll peress li, għalkemm l-IRS jirċievi d-data, dan jagħmilha disponibbli għal istituzzjonijiet oħra tal-Istati Uniti. L-attachés tat-taxxa wiegħbu wkoll li ma hemm l-ebda data affidabbli dwar in-numru ta' ċittadini fl-UE affettwati mill-FATCA. Fir-rigward ta' eżempji konkreti, huma nnotaw li hemm ħafna, inkluża ġurisprudenza fin-Netherlands. Persuni mwielda fis-snin 80 u 90 mhux bilfors kisbu NIT u l-ksib ta' ċertifikat tat-twelid jista' jkun estremament diffiċli f'xi każijiet għal nies li kienu residenti fl-Ewropa. Huma nnotaw li l-kodiċi tat-taxxa nnifsu huwa s-sors tal-problema, iżda li jitbiddel huwa kważi impossibbli. L-attachés tat-taxxa wiegħbu li l-limiti tal-FATCA għadhom ma jfissrux li l-banek ma għandhomx għalfejn iwettqu diliġenza dovuta fuq il-klijenti tagħhom marbuta mal-Istati Uniti, anke sabiex jiksbu ċertezza jekk il-klijent partikolari jeħtieġx rapportar jew le. Huma nnotaw ukoll li s-CRS tal-OECD innifsu huwa riżultat tal-implimentazzjoni tal-FATCA. L-attaché tat-taxxa Irlandiż nnota li hemm evidenza aneddotali ta' mill-inqas żewġ ċittadini li rrikorrew għall-assistenza tal-Parlament Irlandiż peress li ġew rifjutati servizzi bankarji. L-interlokutori nnotaw li hemm nuqqas ta' data statistika dwar l-effetti tal-FATCA. Dwar il-konformità mal-GDPR, huma nnotaw li kwistjonijiet ta' konformità mhumiex ċari u x'aktarx li ma jittejbux peress li l-aċċess għad-data personali huwa teoretikament għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi, u bħala tali l-kontroparti tal-Istati Uniti tista' targumenta li l-FATCA ma joħloqx kwistjonijiet ta' konformità. L-attaché tat-taxxa Franċiż iddikjara li l-proposti tal-"Green Book" u gwida addizzjonali jistgħu jkunu riżultat tal-ispinta mill-Presidenza Franċiża.

16:30 - 18:00

Diskussjoni madwar mejda ma' esperti u partijiet ikkonċernati dwar il-FATCA

L-interlokutori ddeskrivew li l-ġurisdizzjoni tal-FATCA kienet tinkludi l-hekk imsejġha Amerikani Aċċidentali u Amerikani li jaħdmu barra mill-pajjiż b'modi mhux intenzjonati, li wasslu għal problemi ta' konformità. Huma infurmaw ukoll lill-membri li l-IRS tal-Istati Uniti ma kellux il-kapaċità li jipproċessa d-data kollha li qed tiġi trażmessa bħala parti mill-iskambju tad-data biex tiġi żgurata l-konformità tal-FATCA. Fil-bidu, daww soġġetti għall-FATCA kellhom iħallsu penali għoljin, anke fuq ammonti żgħar ta' taxxa dovuta, b'penali rigressiva, fejn ammonti żgħar ta' taxxa dovuti ġieli ġew assenjati penali oġġla minn sitt darbiet is-somma dovuta, filwaqt li għal individwi b'valur nett għoli, dan kien biss sa tliet darbiet l-ammont dovut. Wieħed mill-interlokutori, li qabel kien serva bħala l-avukat intern għan-nom tal-kontribwenti fi ħdan l-IRS, kien għamel rakkomandazzjonijiet amministrattivi u leġiżlattivi lill-Kungress. Waħda mir-rakkomandazzjonijiet kienet li jiġu esklużi r-residenti *bona fide* barra l-pajjiż, iżda din ma ġietx adottata. Rakkomandazzjoni oħra kienet dwar is-simplifikazzjoni tar-rapportar, fejn l-IRS u t-Teżor jaċċettaw ir-rapportar lil xulxin. Din l-aħħar rakkomandazzjoni lanqas ma ġiet adottata. L-esperti tat-taxxa u l-partijiet ikkonċernati esprimew ukoll li l-amministrazzjoni tal-FATCA mill-IRS hija serjament defiċjenti, anke skont l-Uffiċċju tal-Obbligu ta' Rendikont tal-Gvern tal-Istati Uniti, u l-Ispettur tat-Teżor għall-Amministrazzjoni tat-Taxxa, peress li t-tnejn innotaw li l-projezzjonijiet tad-dħul li saru għall-FATCA qatt ma ntlaħqu u li l-IRS ma kienx qed isegwi pjan strateġiku għall-FATCA, iżda qed jinvolvi ruħu f' "kampanji". Ma teżisti l-ebda evidenza ta' dħul iġġenerat mit-taxxa. Id-data mill-IRS hija ta' valur baxx. L-interlokutori saħqu li l-isforz meħtieġ għall-konformità huwa sproporzjonat mal-gwadanni li saru permezz tal-FATCA. Hemm ukoll nuqqas ta' data dwar Amerikani residenti u/jew impjegati barra l-pajjiż u kemm minnhom huma konformi mat-taxxa. "Eċċezzjoni għall-istess pajjiż" tkun is-soluzzjoni leġiżlattiva biex jiġu esklużi r-residenti reali barra mill-

pajjiż. It-tassazzjoni ekstraterritorjali hija l-kawża ewlenija tal-problemi dwar il-konformità tal-FATCA. Il-mixja lejn mudell ta' tassazzjoni bbażat fuq ir-residenza ssolvi dawk il-problemi. Il-kosteffettività tal-FATCA mhijiex magħrufa. L-ispejjeż ta' konformità jaqbu b'ferm aktar id-dħul, skont l-interlokutori. Huma enfasizzaw ukoll il-kwistjoni li l-Amerikani li jgħixu barra ma għandhomx rappreżentanza fil-Kungress, peress li ma hemm l-ebda distrett tal-Kungress assenjat lilhom. Enfasizzaw li hemm nies li għandhom diffikultajiet kbar ikkawżati mill-FATCA. Saħqu wkoll li r-regoli tat-taxxa tal-FATCA huma aktar punittivi għaċ-ċittadini tal-Istati Uniti li jgħixu barra milli r-reġim tat-taxxa tal-Istati Uniti huwa għar-residenti tal-Istati Uniti. L-interlokutori sqarru li s-soluzzjoni komprensiva aħħarija tirriżulta biss bl-adozzjoni ta' sistema ta' tassazzjoni tat-taxxa bbażata fuq ir-residenza min-naħa tal-Istati Uniti. Soluzzjoni Prattika tkun li t-Teżor jirrinunzja għar-rekwiżit li persuni b'ċittadinanza doppja tal-Istati Uniti mat-twelid ikollha residenza fiskali fl-Istati Uniti. Il-FATCA tikser ukoll in-nondiskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità. L-interlokutori tennew l-ispiża tal-konformità u l-ispiża u l-kumplessità tar-rinunzja taċ-ċittadinanza tal-Istati Uniti. Is-Sinjura Bean, l-interlokutor tal-ġurnata ta' qabel ipparteċipat ukoll fil-laqgħa u enfasizzat li l-FATCA ġiet ippromulgata wara żewġ seduti ta' smiġħ tal-Kungress fejn informaturi kunfidenzjali pprovdew informazzjoni dwar ċittadini tal-Istati Uniti li jaħbu assi barra mill-pajjiż. Ċerti banek ukoll ammettew dan u ħallsu l-multi. Sussegwentement huma pprovdew listi bl-ismijiet ta' dawn l-individwi. Wara l-promulgazzjoni tal-FATCA, iċ-ċittadini tal-Istati Uniti ma kellhomx aktar aċċess bla xkiel għas-segretezza bankarja barra mill-pajjiż. Hija nnotat ukoll li l-FATCA tapplika biss 'il fuq minn ċerti limiti u l-FATCA xprunat għal aktar trasparenza tat-taxxa globalment. Hija nnotat li mill-2012 l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Uniti jridu jirrapportaw wkoll dwar klijenti li huma ċittadini tal-UE. Hija nnotat ukoll li residenti tal-Istati Uniti għandhom rekwiżiti ta' rapportar lis-Servizz ta' Dħul Intern. Hija kkonkludiet li l-biċċa l-kbira tal-problemi bil-konformità u l-penali tal-FATCA ġew solvuti maż-żmien u r-rapportar minn parti terza għall-ħlasijiet tax-taxxa miċ-ċittadini tal-Istati Uniti jiżgura waħda mis-sistemi tat-taxxa l-aktar trasparenti fid-dinja. It-titjib fil-burokrazija għandu jiġi aċċellerat aktar.

Waqt is-sessjoni tal-mistoqsijiet u tat-tweġibiet, il-Membri tad-Delegazzjoni li ġejjin għamlu xi mistoqsijiet u xi kummenti:

Yana Toom bdiet billi kkjarifikat li l-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tapplika biss meta tiġi timplimenta l-liġi tal-UE. Hija ċċarat ukoll li l-għan tad-delegazzjoni mhuwiex li tattakka l-FATCA nnifisha, iżda li ssib soluzzjonijiet komuni għar-residenti tal-UE affettwati mill-FATCA. Hija saħqet ukoll li n-nuqqas ta' data huwa ta' tħassib serju, peress li wieħed ma jistax imexxi programm tajjeb mingħajr ma jkollu data. Hija qajmet ukoll il-kwistjoni dwar in-nuqqas apparenti ta' rappreżentanza politika tal-Amerikani barra mill-pajjiż.

Marc Angel staqsa dwar l-istejjer kontradittorji dwar il-ksib tan-NIT. Staqsa wkoll dwar ir-reċiproċità u dwar id-data dwar dħul addizzjonali miksub bis-saħħa tal-FATCA.

Cristina Maestre nnotat li iċ-ċittadini tal-UE soġġetti għall-FATCA għandhom aċċess limitat ħafna għal pariri dwar kif jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' rapportar taħt il-FATCA. Hija enfasizzat ukoll li l-fatt li, peress li dawn iċ-ċittadini ħafna drabi jiġu mċaħħda minn servizzi bankarji, huma jiġu xi kultant mċaħħda wkoll mill-użu tad-dħul tagħhom kif ukoll tal-benefiċċji soċjali u l-pensjonijiet.

Mario Furore nnota li t-tqabbil tal-mudell tal-Istati Uniti ta' rapportar mal-mudell Żvizzeru

mhuwiex neċessarjament korrett, peress li l-mudell Żvizzeru mhuwiex il-mudell tal-UE ta' rapportar, filwaqt li l-petizzjonijiet li jirċievi l-Parlament Ewropew huma minn ċittadini tal-UE jew ċittadini tal-Istati Uniti li jgħixu u jaħdmu fl-UE. Peress li l-Istati Uniti u l-Eritrea huma l-uniċi pajjiżi li jeżerċitaw it-tassazzjoni ekstraterritorjali, bosta jilqgħu kieku l-idea li n-naħa tal-Istati Uniti tiffaċilita r-rapportar u l-konformità għal residenti mhux tal-Istati Uniti. Huwa tenna l-interess tad-Delegazzjoni li tgħin biex tinholq soluzzjoni komunement aċċettabbli.

Ulrike Müller innotat li wieħed mill-pajjiżi li xtara l-listi tal-ismijiet tal-evażuri tat-taxxa kien pajjiżha stess u, bħala tali, il-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa hija importanti għaliha. Hija qajmet il-punt li jeħtieġ li jinstabu soluzzjonijiet, inkluż għall-wirt potenzjali taċ-ċittadini tal-Istati Uniti li huma residenti fl-UE. Hija rriflettiet dwar jekk il-proposti tal-“Green Book” jistgħux iġibu xi wħud minn dawn is-soluzzjonijiet u jekk hux se jkun hemm appoġġ għalihom fil-Kungress. Hija enfasizzat ukoll l-ammont sproporzjonat ta' data li qed tiġi trażmessa lill-Istati Uniti minħabba l-FATCA u l-kwistjonijiet li din it-trażmissjoni ta' data qed tikkawża.

Ir-rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati wiegħbu għall-mistoqsija dwar il-kisba tan-NITs billi qalu li xi drabi l-IRS innifsu jitlef id-dokumenti oriġinali. Huma enfasizzaw ukoll li m'għadx hemm attachés fiskali f' missjonijiet diplomatiċi tal-Istati Uniti barra mill-pajjiż (mill-2014), u għalhekk iċ-ċittadini ma jistgħux jirrikorru għalihom għall-assistenza, filwaqt li hemm diversi uffiċċji f' ambaxxati barra mill-pajjiż li jitrattaw prosekuzzjonijiet kriminali. Huma tennew li ħafna ċittadini bi dħul medju huma soġġetti għall-FATCA. L-ispiża għall-banek għar-rapportar dwar l-Amerikani tisser li l-banek jippreferu ma jkollhom l-ebda klijent Amerikan. Il-banek li jaħdmu ma' klijenti Amerikani normalment jippreferu li jkollhom individwi b' valur nett għoli. Il-penali mandati mill-FATCA għadhom ħorox u r-rapportar kultant huwa kumpless wisq, tant hu hekk li, ħafna drabi, ċittadini tal-Istati Uniti residenti fl-UE jeħtieġ li spiss jimpjegaw speċjalisti tat-taxxa, u jġarrbu spiża sinifikanti. Huma nnotaw li l-FATCA jinvolvi fluss ta' informazzjoni f' direzzjoni waħda u l-ftehimiet intergovernattivi jiddikjaraw biss li n-naħa tal-Istati Uniti se “taspira” li tipprovdi informazzjoni wkoll. Is-CRS għandu skambju awtomatiku ta' informazzjoni li jiżgura fluss ta' data minn post fejn is-suġġett ma jkunx residenti għal post fejn jgħix is-suġġett u għalhekk huwa fundamentalment differenti. It-taqsima 7701/50A/B tal-Kodiċi tad-Dħul Intern tipprovdi libertà għat-Teżor biex jimplementa regolamenti li jipprovdu eċċezzjonijiet mill-FATCA għal persuni b'ċittadinanza doppja mat-twelid. Il-partijiet ikkonċernati nnotaw ukoll li iċ-ċittadinanza hija dritt u wieħed ma għandux għalfejn ikun imġiegħel iċċediha, bħala għażla bejn iċ-ċittadinanza jew li jkollu jgħaddi minn proċess kumpless ta' konformità tat-taxxa kkumplikat u li jiswa ħafna flus. Il-partijiet ikkonċernati kollha qablu li s-soluzzjoni aħħarija trid tiġi mill-Kungress, inkluża l-adozzjoni tal-proposti tal-“Green Book”, għalkemm jeħtieġ li jmorru lil hinn minn dan. Peress li l-elezzjonijiet huma organizzati fil-livell statali fl-Istati Uniti (inklużi l-elezzjonijiet federali), ma hemm l-ebda kostitwenza għall-Amerikani barra l-pajjiż, iżda huma mifruxa ftit wisq fost id-distretti elettorali tal-istati u għalhekk il-kwistjonijiet tagħhom ma jistgħux jiksbu prominenza fid-diskors elettorali.

L-Erbgħa 20 ta' Lulju 2022

09:30 - 11:00

Laqgħa ma' Jane GRAVELLE, Speċjalista Superjuri fil-Politika Ekonomika u Donald J. “Don” MARPLES, Speċjalista fil-Finanzi Pubbliċi, Servizz ta' Riċerka tal-Kungress

Iż-żewġ speċjalisti tas-Servizz tar-Riċerka tal-Kungress taw ħarsa lejn l-istruttura istituzzjonali ta' dan is-Servizz u l-modi kif dan jinforma t-tfassil tal-politika fil-proċess

leġiżlattiv tal-Istati Uniti. Huma taw rendikont tal-ħidma reċenti tagħhom fl-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni tal-FATCA u l-effetti tagħha, b'attenzjoni partikolari fuq il-problemi persistenti li jolqtu lin-nies komuni, bħal diffikultajiet biex jinkisbu servizzi bankarji, proċess ta' rapportar ikkumplikat, li jiswa ħafna flus meta jsir bl-għajnuna tal-ispeċjalisti, kif ukoll diffikultajiet f'xi każijiet biex jinkiseb in-NIT. Min-naħa l-oħra, huma nnotaw ukoll it-titjib fl-applikazzjoni tal-FATCA maż-żmien u li, għalkemm il-FATCA ma bidlitx ir-regoli tat-taxxa sottostanti għall-Amerikani li jgħixu barra mill-pajjiż, dan żied l-għarfien dwar dawk l-obbligi u żied ir-rekwiżiti ta' rapportar għall-Istituzzjonijiet Finanzjarji Barranin. Huma enfasizzaw li, b'differenza mis-CRS, il-FATCA ma għandux reċiproċità sħiħa fil-kondiviżjoni tal-informazzjoni. L-IRS jirċievi aktar informazzjoni dwar is-sidien tal-Istati Uniti ta' kontijiet barranin milli jirċievu pajjiżi oħra fuq sidien barranin ta' kontijiet tal-Istati Uniti. Il-leġiżlazzjoni tkun meħtieġa biex tawtorizza l-għbir tad-data meħtieġa għal reċiproċità sħiħa, inklużi l-bilanċi tal-kontijiet u s-sidien benefiċjarji.

Waqt is-sessjoni tal-mistoqsijiet u tat-tweġibiet, il-Membri tad-Delegazzjoni li ġejjin għamlu xi mistoqsijiet u xi kummenti:

Yana Toom enfasizzat li s-Servizz tar-Riċerka tal-Kungress u s-Servizz tar-Riċerka tal-Parlament Ewropew jaqsmu xi karatteristiċi. Hija qajmet il-kwistjoni tal-fluss tad-data sproporzjonat mandat mill-FATCA u staqsiet lill-interlokutori dwar il-prospetti għal titjib fir-rigward tal-kwistjoni kkonċernata.

Marc Angel qajjem il-kwistjoni ta' Amerikani aċċidentali li huma residenti ġenwini għal żmien twil u ċittadini tal-UE, iżda li huma soġġetti għall-obbligi ta' rapportar taħt il-FATCA, u nnota li dawn iċ-ċittadini huma 'l bogħod mill-popolazzjoni fil-mira reali tal-FATCA.

Ir-rappreżentanti tas-Servizz tar-Riċerka tal-Kungress irrikonoxxew li hemm evidenza aneddotali li tindika problemi li fadal fl-applikazzjoni tal-FATCA, għalkemm enfasizzaw ukoll li hemm sforzi biex jiġu kkoreġuti xi wħud min-nuqqasijiet, kemm dawk leġiżlattivi kif ukoll dawk amministrattivi. L-isforzi leġiżlattivi jinkludu proposta biex tiġi pprovduta reċiproċità sħiħa mressqa għall-baġit tas-sena finanzjarja 2023 tal-Amministrazzjoni, kif ukoll proposta li tingħata eżenzjoni dejqa minn ċerti taxxi ta' ħruġ għal persuni b'ċittadinanza doppja bi dħul aktar baxx. Huma wissew madankollu li jeħtieġ li jkun hemm maġġoranzi għal dawn il-proposti, li x'aktarx se jkunu ta' sfida ħafna biex jinkisbu.

11:45 - 12:45

Laqgħa mal-Persunal tal-Kungress wara l-FATCA ikkoordinata minn Tom BARTHOLD, Kap tal-Persunal, Kumitat Konġunt dwar it-Tassazzjoni tal-Kamra u s-Senat

Il-persunal tal-Kungress spjega l-ħidma tal-Kumitat Konġunt dwar it-Tassazzjoni u nnota li l-applikazzjoni tal-FATCA tqajjem tħassib dwar id-diffikultajiet li jiffaċċjaw l-Amerikani barra l-pajjiż, inkluż li jiġu mċaħħda minn servizzi bankarji. Huma wrew li huma miftuħa li jinstabu soluzzjonijiet għal dawn il-problemi, inkluż possibilment permezz ta' aġġustament tal-applikazzjoni tal-FATCA b'mod li l-applikazzjoni tiegħu tkun limitata għal ċerti ċittadini. Madankollu, huma saħqu fuq il-limitazzjoni li tiffaċċja kwalunkwe inizjattiva, peress li l-inizjattivi kollha għandhom bżonn jiksbu maġġoranza fil-Kungress. Il-persunal enfasizza n-nuqqas ta' għarfien tal-problemi kkawżati mill-applikazzjoni tal-FATCA. Huma enfasizzaw li diġà jeżistu derogi għal ċerti gruppi ta' ċittadini. Huma esprimew interess fi kwalunkwe proposta biex jiġu ttrattati l-problemi.

Yana Toom staqsiet dwar in-nuqqas sħiħ ta' data dwar kwistjonijiet relatati mal-FATCA. Hija tenniet il-problemi li qed jiffaċċjaw iċ-ċittadini fl-UE minħabba l-applikazzjoni tal-FATCA u enfasizzat ukoll li, mit-tmiem tal-persunal ta' xi ambaxxati b'attachés tat-taxxa, iċ-ċittadini ma qed tingħatalhom l-ebda assistenza. Hija nnotat ukoll il-kwistjoni tan-nuqqas ta' reċiproċità fil-kondiviżjoni tad-data. Hija stqarret li ma jidhirx li hemm rieda politika min-naħa tal-Istati Uniti biex tirrimedja l-leġiżlazzjoni. Hija appellat għal kanal ta' komunikazzjoni bejn l-Istati Uniti u tal-UE biex jaħdmu lejn is-soluzzjoni tal-problemi relatati mal-FATCA.

Marc Angel saħaq fuq il-fatt li d-delegazzjoni tal-Kumitat PETI għandha l-għan li tgħin liċ-ċittadini ordinarji li jiffaċċjaw il-piż sproporzjonat tal-konformità. Huwa nnota wkoll li l-assistenza lil dawn iċ-ċittadini min-naħa tal-Istati Uniti tkun importanti ħafna kif ukoll il-mitigazzjoni ta' konsegwenzi mhux intenzjonati. Huwa nnota d-Direttiva tal-Kontijiet tal-Ħlas tal-UE⁴, li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni.

Cristina Maestre nnotat l-importanza li tingħata informazzjoni lil dawk ir-residenti tal-UE li għandhom obbligi taħt il-FATCA, kif ukoll li jiksbu TIN u li jagħmlu r-rinunzja taċ-ċittadinanza ħafna aktar faċli u inqas għalja. Hija staqsiet ukoll dwar il-modalitajiet biex tinbena r-rieda politika biex jiġu solvuti l-kwistjonijiet tal-FATCA min-naħa tal-Istati Uniti, inkluż jekk ikunx possibbli li l-FATCA u s-CRS jiġu integrati.

Ulrike Müller saħqet fuq l-appoġġ Ewropew għat-tassazzjoni bbażata fuq ir-residenza, iżda fl-istess ħin issottolinjat li kienet fehmet li l-Istati Uniti għażlet li tintaxxa liċ-ċittadini tagħha barra mill-pajjiż. Hija nnotat, madankollu, li jeħtieġ li jinstabu soluzzjonijiet min-naħa tal-Istati Uniti biex iċ-ċittadini tagħha li huma residenti fl-UE ma jitgħabbewx iżżejjed b'proċess ta' konformità ikkumplikat b'mod sproporzjonat. Għal din ir-raġuni, hotline jaf ikun pass 'il quddiem. Staqsiet ukoll dwar il-possibbiltajiet li l-proposti tal-“Green Book” jgħaddu fil-Kungress.

Alexander Bernhuber staqsa dwar l-iskedi ta' żmien possibbli għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' emendi leġiżlattivi, jekk ikun hemm, u staqsa jekk il-miżuri amministrattivi humiex it-triq 'il quddiem.

L-interlokutori wiegħbu li l-bini ta' rieda politika fuq Capitol Hill huwa diffiċli fuq din il-kwistjoni, minħabba n-nuqqas ta' kostitwenza għall-Amerikani barra mill-pajjiż, iżda delegazzjonijiet bħal dik tal-Kumitat PETI huma l-aktar mod effettiv biex dan isir. Li jintlaħqu r-Rappreżentanti u li jsiħqu fuq il-punt li iċ-ċittadini ordinarji qed ikollhom diffikultajiet minħabba l-FATCA kien dejjem ta' benefiċċju. Huma qablu li l-piż amministrattiv jista' jkun għoli, inkluż għall-kisba tan-NIT. Il-possibbiltà li jinħolqu lakuni li jistgħu jiġu sfruttati wkoll tagħmel l-aġġustament tas-sistema attwali diffiċli. Huma qablu li tnaqqis riċenti fis-servizzi konsulari huwa kwistjoni importanti li kienet tirrikjedi xi riflessjoni sussegwenti. Fir-rigward tar-reċiproċità, l-interlokutori nnotaw li l-Istati Uniti ma kienux irratifikaw il-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet ta' Taxxa u bħala riżultat l-iskambji tad-data jsiru prinċipalment permezz ta' ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi individwali. Għalqastant, l-integrazzjoni mas-CRS tkun ta' sfida. In-naħa tal-Istati Uniti rrikonoxxiet b'mod apert li l-FATCA mhux fuq quddiem nett tal-aġenda, peress li jaffettwa

⁴ Id-Direttiva 2014/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 214).

biss ftit ċittadini barra mill-pajjiż. Għalhekk, ma tista' tiġi offruta l-ebda skeda ta' żmien, iżda l-kwistjonijiet żgur mhux se jiġu indirizzati fis-sitt xhur li ġejjin. Id-diversità tal-kostitwenti tal-Amerikani barra mill-pajjiż tagħmilha diffiċli ħafna biex jinbena appoġġ, iżda delegazzjonijiet bħal dik tal-Kumitat PETI huma l-aktar għodda effettiva biex jinbena l-momentum u biex jixpruna l-bidla. Il-proposti tal-“Green Book” huma pożizzjoni ta' politika importanti, iżda l-Kungress ma jadottax tali proposti b'mod regolari. Is-simplifikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tista' tgħin ukoll u hemm sforzi biex din tintlaħaq. L-interlokutori qablu li n-nuqqas ta' data hija kwistjoni fil-proċess tat-tfassil tal-politika. Huma qablu li l-komunikazzjoni bejn in-naħat hija mixtieqa u għandha tinkludi wkoll in-naħat kollha tal-qasma politika.

14:15 - 14:45

Laqgħa mar-Rappreżentant Eric SWALWELL

Il-Membru tal-Kungress Swalwell laqa' lill-Membri u nnota li ż-żjara qed issir fi żmien ta' taqlib fil-politika tal-Istati Uniti, bil-gwerra tal-Ukrajna għadha għaddejja u bl-Istati Uniti għadha qed tirkupra mill-vjolenza tagħha ta' wara l-elezzjoni. Huwa nnota li l-globalizzazzjoni għebet tixrid ta' assi ta' ċittadini tal-Istati Uniti madwar id-dinja kollha. Minkejja li l-FATCA ġie mgħoddi għall-ġlieda kontra l-imġiba frawdolenti, hemm fehim min-naħa tal-Istati Uniti li l-konformità miegħu taffettwa b'mod negattiv liċ-ċittadini tal-Istati Uniti ordinarji u li jirrispettaw il-liġi. L-avvanzi fit-teknoloġija diġitali u l-intelliġenza artifiċjali għandhom jagħmluha aktar faċli li wieħed iżomm kont tal-assi, kemm legali kif ukoll illegali fil-futur u hemm sforzi biex jiġu rrimedjati n-nuqqasijiet tal-FATCA.

Yana Toom enfasizzat in-nuqqas ta' komprensjoni min-naħa tal-UE dwar il-fatt li ma hemm l-ebda data dwar l-effetti tal-FATCA. Hija nnotat ukoll li l-FATCA jkser l-ispirtu tal-GDPR, iżda mhux l-ittra, peress li l-ftehimiet intergovernattivi ġew iffirmati qabel ma daħal fis-seħħ il-GDPR u b'hekk, ma għandhomx għalfejn jikkonformaw. Ir-reċiproċità hija wkoll kwistjoni peress li l-iskambju tad-data huwa sproporzjonat għall-UE. Hija staqsiet dwar in-nuqqas ta' assistenza konsulari fi kwistjonijiet ta' taxxa.

Marc Angel informa lill-Kungress dwar id-diffikultajiet li jħabbtu wiċċhom magħhom l-Amerikani aċċidentali u staqsa jekk jistax ikun hemm xi faċilitazzjoni għal dawk li mhumiex residenti *bona fide*. Huwa staqsa wkoll dwar jekk is-CRS, li għaliha l-Istati Uniti mhijiex parti, u l-FATCA jistgħux b'xi mod jinġiebu taħt reġim wieħed.

Ulrike Müller saħqet fuq il-ħtieġa ta' orjentazzjoni lejn ir-riżultati u staqsiet dwar id-diviżjonijiet politiċi dwar din il-kwistjoni u jekk kienx hemm ċans għall-adozzjoni tal-proposti tal-Green Book dwar il-FATCA. Hija saħqet li s-servizzi konsulari għall-kwistjonijiet tat-taxxa jkunu importanti ħafna għal dawk milquta mill-FATCA.

Cristina Maestre esprimiet id-dubbi tagħha fuq in-naħa tal-Istati Uniti li tinholq biżżejjed rieda politika biex tagħmel l-aġġustamenti meħtieġa fuq il-FATCA, kont meħud tan-natura politikament sensittiva tat-tassazzjoni. Madankollu, hija staqsiet dwar x'modi oħra se jkun hemm biex jgħinu liċ-ċittadini li jkollhom diffikultajiet minħabba l-FATCA. Hija nnotat il-kwistjoni ta' penali kbar b'mod sproporzjonat għaċ-ċittadini ordinarji u d-diffikultajiet tagħhom biex jiksbu servizzi bankarji u anke n-NIT. Hija saħqet li l-mod kif il-problemi jinġiebu fid-dominju pubbliku huwa ta' importanza kbira, sabiex ikun ċar li l-isforzi biex jiġi rranġat il-FATCA mhumiex immexxija minn kwalunkwe intenzjoni biex tgħatti għal dawk li jevitaw jew jevadu t-taxxa.

Il-Membri tal-Kongress Swalwell ħa nota tar-riflessjoni dwar n-natura sproporzjonata tad-data trażmessa mill-UE bħala parti mir-rapportar tal-FATCA. Huwa stqarr li, fl-isforzi leġiżlattivi tiegħu fil-Kongress, huwa qed jimmira li jikseb eżenzjoni mill-FATCA għal ċittadini Amerikani li huma ġenwinament residenti barra mill-pajjiż. Dan ikun preferibbli milli wieħed iċedi ċ-ċittadinanza u jkun kompromess xieraq. Ir-rapportar fuq tali residenti lanqas ma jkun obligu fuq l-istituzzjonijiet finanzjarji. Huwa nnota li hemm dibattitu għaddej dwar il-privatezza dwar leġiżlazzjoni possibbli li tkun simili għall-GDPR u, meta din tiġi għall-vot, emendi għaliha jistgħu jippreżentaw opportunità biex jiġu solvuti kwistjonijiet tal-FATCA dwar id-data. Madankollu, saħaq li huwa dejjem aktar diffiċli li tiżvela leġiżlazzjoni diġà fis-seħħ. F'dan il-każ partikolari, li jmorru kontra l-FATCA jista' jkun ta' ħsara kbira għall-politiċi tal-Istati Uniti peress li jista' jintuża biex jidentifikahom li qed jippruvaw jgħattu għal dawk li jevitaw u jevadu t-taxxa. B'hekk, il-kisba ta' maġġoranza fuq kwistjoni bħal din se tkun ta' sfida. Hu kien riċettiv ħafna għall-idea ta' persunal konsulari biex jassisti fi kwistjonijiet ta' taxxa. Huwa saħaq li l-fatt li hemm delegazzjoni tal-Parlament Ewropew fuq żjara huwa mod effettiv ħafna biex jitqiegħdu l-kwistjonijiet tal-FATCA fuq l-aġenda. Huwa stieden lid-diplomatiċi tal-UE jeżerċitaw ukoll l-influwenza tagħhom fuq il-Membri tal-Kongress.

15:00 - 15:30

Laqgħa mar-Rappreżentant Richard NEAL, President tal-Kumitat tal-Kamra dwar il-Modi u l-Mezzi kif ukoll President tal-Kumitat Konġunt dwar it-Tassazzjoni tal-Kamra u tas-Senat

Il-President Neal laqa' lill-Membri u ta ħarsa lejn is-sitwazzjoni politika fl-Istati Uniti wara l-vjolenza ta' wara l-elezzjoni f'Capitol u l-inkjesti u l-proċessi ġudizzjarji li rriżultaw. Huwa qasam ukoll il-fehma tiegħu dwar kwistjonijiet aktar ġenerali, bħall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna kif ukoll dwar il-firdiet politiċi domestiċi fl-Istati Uniti dwar diversi kwistjonijiet u dwar l-elezzjonijiet ta' nofs it-terminu li jmiss għall-Kongress tal-Istati Uniti. Il-President Neal spjega wkoll ir-rwol tal-Kumitat Konġunt dwar it-Tassazzjoni tal-Kamra u tas-Senat u r-rwol tal-Kumitat tal-Kamra dwar il-Modi u l-Mezzi. Huwa staqsa dwar il-kwistjonijiet tal-FATCA li mmotivaw iż-żjara tad-delegazzjoni tal-Kumitat PETI.

Yana Toom ġibdet l-attenzjoni għal darb'oħra għall-kwistjonijiet li jiffaċċjaw ċittadini ordinarji b'rabtiet negliġibbli mal-Istati Uniti li huma residenti fl-UE, bħaċ-ċaħda minn aċċess għal servizzi bankarji, id-diffikultajiet u l-ispejjeż biex jippruvaw jikkonformaw mal-FATCA, id-diffikultajiet amministrattivi biex jiksbu n-NIT, in-nuqqas ta' assistenza fil-konsulati u kwistjonijiet ta' proporzjonalità.

Marc Angel żgura lill-President li l-interess tad-delegazzjoni tal-PE ma kienx li tgħatti għall-evitar u l-evazzjoni tat-taxxa, iżda pjuttost li ttaffi l-piż fuq ċittadini ordinarji. Huwa staqsa jekk kienx hemm biżżejjed rieda politika biex jiġu adottati xi soluzzjonijiet għall-FATCA.

Il-President Neal impenja ruħu li jħares lejn il-kwistjonijiet ikkonċernati b'rieda tajba u li jappoġġa kwalunkwe sforz amministrattiv li jtaffi l-problemi kkawżati mill-FATCA. Filwaqt li nnota l-maġġoranza estremament modesti fil-Kongress, huwa enfasizza l-isfidi li tiffaċċja kull tip ta' azzjoni leġiżlattiva fil-klima politika attwali.

16:00 - 16.30

Laqgħa mar-Rappreżentant Lloyd DOGGETT, President tas-Sottokumitat għas-Saħħa, Kumitat dwar il-Modi u l-Mezzi, Membru tal-Kumitat Konġunt dwar it-Tassazzjoni tal-Kamra u s-Senat

Ir-Rappreżentant Doggett informa lill-Membri li sa ftit ilu ma kienx konxju tal-problemi li kienu qed jiffaċċjaw l-Amerikani aċċidentali u li kien qed jiġġieled b'mod attiv ħafna l-evażjoni tat-taxxa. Huwa informa wkoll lill-Membri li bagħat ittra lis-Segretarju tat-Teżor tal-Istati Uniti Janet Yellen u abbozza liġi bil-għan li jirrettifika l-kwistjonijiet relatati mal-FATCA. Fil-mument taż-żjara, ma kien hemm l-ebda tweġiba għall-ittra.

Yana Toom staqsiet dwar il-proċedura leġiżlattiva u dwar il-possibiltajiet li din tiġi konkluża b'suċċess u li tikseb l-bidliet meħtieġa għall-FATCA. Staqsiet ukoll dwar kif se tkun immaniġġjata l-komunikazzjoni dwar din il-kwistjoni. Hija qajmet ukoll il-kwistjoni tar-reċiproċità fl-iskambju tad-data.

Marc Angel innota li l-ittra tal-Membru tal-Kungress Doggett lis-Segretarju Yellen fiha definizzjoni tajba ħafna ta' Amerikani aċċidentali, filwaqt li tenfasizza wkoll id-diffikultajiet biex jinkiseb NIT. Huwa nnota li r-reputazzjoni tal-Membru tal-Kungress Doggett bħala persuna li tiġġieled kontra l-evażjoni tat-taxxa tagħtih il-kredibbiltà.

Il-Membru tal-Kungress Doggett wieġeb li, fl-aħħar tal-2022, se jkun hemm leġiżlazzjoni dwar it-taxxa li jeħtieġ li tiġi sottomessa biex jiġu estiżi ċerti dispożizzjonijiet. Din tippreżenta opportunità, iżda s-suċċess ma jkun bl-ebda mod garantit. F'dak il-mument, l-Abbozz ta' Liġi Doggett seta' jiġi introdott. Jekk jgħaddi l-Abbozz ta' Liġi ma jsolvix il-kwistjoni nnifisha, iżda pjuttost jagħti mandat lill-IRS biex joħloq regoli ġodda. Dan, min-naħa tiegħu, jista' jieħu ż-żmien. Dwar il-komunikazzjoni, il-Membru tal-Kungress Doggett innota li l-wiri ta' eżempji ta' nies ordinarji li għandhom problemi minħabba l-FATCA tkun it-triq 'il quddiem, inkluż fl-istampa. Dwar ir-reċiproċità, huwa informa lill-Membri li hemm sforzi biex ikun hemm skambji ta' livelli komparabbli ta' data bejn l-UE u l-Istati Uniti.

10:00 - 11:00

Laqgħa fid-Dipartiment tat-Teżor tal-Istati Uniti ma' José MURILLO, Deputat Assistent Segretarju għall-Affarijiet Internazzjonali tat-Taxxa fl-Uffiċċju tal-Politika tat-Taxxa

Is-Sur Murillo sqarr li l-Uffiċċju tal-Politika tat-Taxxa huwa konxju sew tal-problemi li fadal li r-residenti tal-UE b'rabtiet mal-Istati Uniti qed jiffaċċjaw fil-konformità mal-FATCA u wkoll dwar ir-riskju għoli perċepit ta' xi istituzzjonijiet finanzjarji fl-Istati Uniti li huma meqjusa li huma konformi mal-FATCA. Huwa nnota li l-Uffiċċju tal-Politika tat-Taxxa kellu diskussjonijiet kontinwi dwar dawn il-kwistjonijiet ma' diversi partijiet ikkonċernati u kien qed jevalwa jekk tistax tiġi żviluppata gwida mmirata li ssib bilanċ bejn it-titjib tal-konformità tal-FATCA internazzjonalment u l-għlieda kontra l-evitar tat-taxxa, filwaqt li jiżgura li jinżamm l-aċċess għas-servizzi bankarji. Huwa nnota d-djalogu li għaddej mal-Kummissjoni u ddeskriva lill-Membri l-proposti tal-"Green Book" jindirizzaw il-problemi ewlenin li fadal li jaffettwaw lir-residenti tal-UE b'rabtiet mal-Istati Uniti meta jikkonformaw mal-FATCA, filwaqt li nnota li tali proposti jkollhom jiġu adottati mill-Kungress.

Yana Toom staqsiet jekk kienx inċert li l-proposti tal-"Green Book" jiġu adottati, meta wieħed iżomm f'moħħu l-qasma politika fil-Kungress u n-nuqqas ta' maġġoranza komda fost id-Demokratiċi u jekk il-miżuri amministrattivi humiex mod aktar mgħaġġel biex jiġu indirizzati xi wħud mill-kwistjonijiet.

Marc Angel tenna li l-għan tad-delegazzjoni tal-Kumitat PETI ma kienx li tirrappreżenta l-interess ta' individwi b'valur nett għoli, iżda pjuttost li tenfasizza l-qagħda mwiegħra taċ-ċittadini medji, li f'xi każijiet huma m'caħħda minn servizzi bankarji minħabba banek li mhux lesti li jieħdu r-riskju li jkollhom kliġenti mhux konformi li jirriżultaw f'multi sinifikanti fuq il-bank innifsu.

Ulrike Müller staqsiet jekk kienx hemm data ċara dwar in-numru ta' nies soġġetti għall-FATCA fl-UE u dwar id-dħul iġġenerat mill-FATCA għat-Teżor tal-Istati Uniti.

Is-Sur Murillo wiegħeb billi rrikonoxxa d-diffikultajiet li l-proposti tal-“Green Book” dwar l-indirizzar tal-konformità mal-FATCA jiġu adottati fil-Kungress u assigura lill-Membri li t-Teżor jinsab f'taħditiet kontinwi mal-IRS dwar l-eżami għal soluzzjonijiet amministrattivi għal xi wħud mill-kwistjonijiet. Huwa rrikonoxxa wkoll l-utilità tal-gwida dwar il-konformità tal-FATCA. Huwa nnota wkoll li data speċifika dwar il-FATCA, kemm jekk tkun dwar dħul addizzjonali jew numru ta' ċittadini soġġetti għaliha, hija diffiċli biex tiġi aċċertata, filwaqt li nnota wkoll li l-FATCA tikkontribwixxi għall-kisba ta' livelli għoljin ta' konformità tat-taxxa. Huwa assigura wkoll lill-Membri li l-interess min-naħa tal-Istati Uniti mhuwiex li tippromulga miżuri punitivi b'mod sproporzjonat għal żbalji involontarji jew għal NIT nieqsa taċ-ċittadini, iżda pjuttost li tittiejjeb il-konformità b'mod ġenerali.

15:00 - 16:00

Laqgħa ma' Doug O'DONNELL, Deputat Kummissarju tas-Servizzi u l-Infurzar, Servizz ta' Dħul Intern

Is-Sur O'Donnell innota li l-IRS kien konxju mill-għadd kbir ta' problemi li l-applikazzjoni tal-FATCA tista' tikkawża għar-residenti tal-UE li għandhom rabtiet mal-Istati Uniti. Huwa ammetta wkoll li, fil-bidu tal-applikazzjoni tal-FATCA, il-problemi kienu ferm aktar gravi minn daww mistennija u li l-konsegwenzi negattivi mhux intenzjonati tagħhom kienu sottovalutati b'mod gravi ħafna. Kien hemm diskussjonijiet dettaljati mal-pajjiżi sħab tal-UE dwar l-applikazzjoni tal-FATCA. L-IRS ħadem ukoll mad-Dipartiment tal-Istat u mat-Teżor biex issib soluzzjonijiet li jintegraw u jissimplifikaw r-rapportar taħt il-FATCA.

Yana Toom enfasizzat il-kwistjoni li fl-applikazzjoni tal-FATCA u l-obbligi ta' rapportar konnessi fil-fatt jipproduċu sitwazzjoni fejn il-banek fl-UE jistgħu jkunu responsabbli għall-iżbalji tal-kliġenti tagħhom u bħala tali hemm diżinċentiv għall-banek biex iservu lill-kliġenti b'rabtiet mal-Istati Uniti. Hija nnotat li hemm diversi petizzjonijiet minn ċittadini li ġew miċħuda tali servizzi bankarji. Hija qajmet ukoll il-punt li l-FATCA ma jkunx konformi mal-GDPR kieku kien soġġett għalih u l-iskambju tad-data li jimponi huwa sproporzjonat. Hija staqsiet dwar ir-reċiproċità f'dan ir-rigward. Staqsiet dwar l-aġġustamenti amministrattivi li jridu jsiru. Qajmet ukoll il-kwistjoni tal-attachés tat-taxxa fl-ambaxxati u l-konsulati tal-Istati Uniti. Hija enfasizzat li l-UE ma tistax tkun dik li ttipprovdi informazzjoni dwar il-konformità dwar il-FATCA, peress li dan jeħtieġ li jiġi mill-Istati Uniti.

Ulrike Müller staqsiet jekk hemmx data dwar kemm ċittadini ċedew iċ-ċittadinanza tal-Istati Uniti tagħhom minħabba l-FATCA, jew dwar kemm ċittadini tal-Istati Uniti jgħixu barra, b'mod aktar speċifiku fl-UE. Hija staqsiet ukoll dwar il-faċilitazzjoni amministrattiva li tista' ssir min-naħa tal-Istati Uniti. Hija staqsiet dwar il-programm ta' għajjuna tal-IRS. Hija staqsiet ukoll jekk kienx hemm lok biex jiġi ssimplifikat il-proċess biex jinkiseb NIT. Hija staqsiet dwar liema proposti jista' jkollhom il-possibbiltà li jiġu implimentati fi żmien qasir. Hija enfasizzat li l-għarfien dwar ir-rekwiżiti ta' konformità jista' jkun defiċjenti fil-livell tal-fergħat lokali tal-

istituzzjonijiet finanzjarji barranin. Hija esprimiet l-appoġġ tagħha għall-proposti tal-“Green Book” u għall-istabiliment mill-ġdid ta’ attachés tat-taxxa fl-ambaxxati/konsulati tal-Istati Uniti. Hija staqsiet jekk xi istituzzjoni finanzjarja barranija kinitx soġġetta għat-taxxa minn ras il-ġajm ta’ 30%.

Kosma Zlotowski enfasizza n-nuqqas ta’ rappreżentanza politika ta’ ċittadini tal-Istati Uniti li huma residenti fl-UE, filwaqt li rrikonoxxa wkoll li n-numru ta’ tali ċittadini jvarja wkoll ħafna skont l-Istat Membru tal-UE. Bħala tali jsibuha diffiċli biex jistabbilixxu kuntatt mal-ogħla awtoritajiet tal-Istati Uniti minħabba dan in-nuqqas ta’ vuċi politika. Huwa staqsa jekk proposti bħal żieda fil-limiti jew miżuri amministrattivi oħra tistax tkun triq ’il quddiem biex itaffu l-problemi ta’ tali ċittadini.

Alexander Bernhuber staqsa jekk kienx hemm xi data dwar in-numru ta’ ċittadini li jippreżentaw dikjarazzjonijiet tat-taxxa minn barra l-pajjiż u saħa q fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati d-diffikultajiet li jiffaċċjaw iċ-ċittadini ordinarji biex jikkonformaw mal-FATCA.

Mario Furore staqsa jekk l-IRS kellux interess li jerġa’ jistabbilixxi attachés tat-taxxa fl-ambaxxati/konsulati tal-Istati Uniti u r-raġunijiet għat-tneħħija tagħhom.

Id-Deputat Kummissarju O’Donnell wieġeb li ma hemmx data dwar in-numru ta’ nies li ċedew iċ-ċittadinanza tal-Istati Uniti minħabba l-FATCA u lanqas ma hemm data dwar in-numru ta’ ċittadini tal-Istati Uniti li jgħixu barra mill-pajjiż. Dwar ir-reċiproċità, id-Deputat Kummissarju wera disponibbiltà biex jaħdem mal-UE, iżda nnota li l-ftehimiet intergovernattivi huma d-dominju tat-Teżor. Huwa nnota li huwa diffiċli li wieħed jifhem l-isfidi ta’ individwi bi dħul baxx b’rabtiet mal-Istati Uniti, peress li hemm limiti fil-FATCA li huma maħsuba eżattament biex jeskludu tali individwi mir-rapportar. Huwa rrikonoxxa li jekk il-banek jiċħdu is-servizzi bankarji lil tali individwi, din hija okkorrenza sfortunata. Huwa nnota l-limitu individwali għar-rapportar, li kien ekwivalenti għal USD 50 000 għal detenturi individwali ta’ kontijiet residenti fl-Istati Uniti ta’ istituzzjonijiet finanzjarji barranin, USD 200 000 għal detenturi ta’ kontijiet li jgħixu barra mill-pajjiż u USD 400 000 għal koppji li jgħixu barra mill-pajjiż. Huwa stqarr li l-IRS qed jaħdem biex jiġbor informazzjoni dwar in-numru ta’ individwi soġġetti għall-FATCA li kellhom xi kwistjonijiet mal-istituzzjonijiet finanzjarji. Mhuwix fl-interess tal-IRS li jaffettwa n-negozju ta’ istituzzjonijiet finanzjarji barranin li jittrattaw ma’ ċittadini b’rabtiet mal-Istati Uniti, meta dawn iċ-ċittadini jkollhom diffikultajiet biex jiksbu NIT. L-Amerikani Aċċidentali u l-persuni b’ċittadinanza doppja kellhom programm tas-Servizz ta’ Dħul Intern biex jiffaċilita l-konformità, li kien jinvolvi r-rinunzja taċ-ċittadinanza tagħhom. Dan ma gawdiex adozzjoni mifruxa. Il-programm ta’ għajjnuna tal-IRS jinvolvi r-rapportar individwali u l-ġhoti ta’ informazzjoni fuq bażi simplifikata u li jċedu iċ-ċittadinanza tagħhom. Huwa laqa’ wkoll il-proposti leġislattivi mmirati biex isolvu kwistjonijiet tal-FATCA, iżda nnota li l-fatt li dawn jgħaddu fil-Kungress ippreżenta sfidi politiċi. Madankollu, huwa assigura lill-Membri li s-Servizz ta’ Dħul Intern kien konxju sew tal-kwistjonijiet ikkawżati mill-applikazzjoni tal-FATCA għaċ-ċittadini ordinarji. Is-Sur O’Donnell wieġeb li s-Servizz ta’ Dħul Intern għandu d-data ta’ kemm ċittadini ppreżentaw informazzjoni biex ikunu konformi mal-FATCA, iżda l-isfida kienet li ma kinux jafu kemm ċittadini kellhom jagħmlu dan u b’hekk ma setgħux iqabblu n-numri. Għal dan il-ġan, il-FATCA hija għodda utli. Il-limiti tar-rekwiżit tar-rapportar taħt il-FATCA huma: USD 50 000 għal detenturi individwali ta’ kontijiet residenti fl-Istati Uniti ta’ istituzzjonijiet finanzjarji barranin, USD 200 000 għal detenturi ta’ kontijiet li jgħixu barra mill-pajjiż u USD 400 000 għal koppji li jgħixu barra mill-pajjiż. L-IRS u d-Dipartiment tat-Teżor qegħdin ukoll f’taħditiet biex jeżaminaw it-tibdiliet possibbli relatati mal-FATCA. L-IRS ikkomunika lill-istituzzjonijiet finanzjarji barranin li mhijiex immexxija minn intenzjonijiet li

tkun punittiva mal-istituzzjonijiet finanzjarji barranin li huma fuq il-lista ta' istituzzjonijiet finanzjarji barranin konformi mal-FATCA, peress li dawn l-istituzzjonijiet finanzjarji barranin mhumiex soġġetti għat-taxxa minn ras il-għajn ta' 30% fuq assi tal-Istati Uniti f'każ ta' nuqqas ta' konformità. Dan huwa riżervat għall-istituzzjonijiet finanzjarji barranin li mhumiex fil-lista. Huwa saħaq li mhux fl-interess tal-IRS li jkeċċi l-istituzzjonijiet finanzjarji barranin minn dik il-lista minħabba żbalji fir-rapportar minħabba NIT, eċċ. Huwa rrifletta fuq il-fatt li probabbilment jekk l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Barranin huma konformi, għandhom iserrħu rashom li mhux se jitkeċċew mil-lista għal żbalji ta' rapportar onesti min-naħa tal-klijent. Dan itejjeb is-sitwazzjoni għall-provvista ta' servizzi bankarji. Huwa nnota li l-ebda istituzzjoni finanzjarja barranija ma kienet soġġetta għat-taxxa minn ras il-għajn ta' 30%, u li banek żgħar u reġjonali huma normalment eżentati minn xi obbligi ta' rapportar tal-FATCA jew għandhom rekwiżiti ta' rapportar simplifikati. Huwa saħaq li l-IRS qed ifittex soluzzjonijiet għall-isfidi ppreżentati mill-FATCA. Huwa impenja ruħu wkoll li jkompli jinvestiga miżuri amministrattivi li jistgħu jiġi implimentati biex itaffu l-problemi. Dwar is-servizzi tat-taxxa konsulari, innota li t-tneħħija tagħhom kienet minħabba nuqqas ta' riżorsi u minħabba l-iżbilanċ fil-kapaċitajiet differenti tal-konsulati biex jipprovdu servizzi. Il-pjan kien li jkun hemm żieda fl-assistenza bit-telefown u online. Huwa impenja ruħu li jesplora titjib f'dawn is-servizzi, iżda saħaq li l-ftuħ mill-ġdid ta' uffiċċji ta' assistenza fiskali bħala parti mis-servizzi konsulari ma għadux għażla għan-naħa tal-Istati Uniti. Hemm linja tat-telefown, li mhijiex bla ħlas u għandha sfidi enormi biex taqdi lin-nies u, b'riżultat ta' dan, l-IRS qed jaħdem ħafna biex ittejjibha.

Id-delegazzjoni tal-Parlament Ewropew f'Washington DC, ġiet assigurata mill-kontropartijiet tal-Istati Uniti fil-Kungress tal-Istati Uniti li għaddejnin sforzi biex jiġu kkoreġuti l-inġustizzji kkawżati mill-FATCA lil ċittadini tal-Istati Uniti, persuni b'ċittadinanza doppja tal-UE u tal-Istati Uniti li jgħixu u jaħdmu fl-UE, kif ukoll lill-Amerikani aċċidentali, li twieldu fl-Istati Uniti jew barra minn pajjiżhom minn ġenituri Amerikani iżda ma għandhomx rabtiet oħra mal-pajjiż. Madankollu, il-kontropartijiet tal-Istati Uniti enfasizzaw ukoll il-kuntest politiku kumpless preżenti fl-Istati Uniti, li jagħmel il-progress fuq is-suġġett diffiċli. Id-Delegazzjoni ltaqgħet ma' partijiet ikkonċernati, esperti dwar il-kwistjoni, nies mill-kamp akkademiku, leġiżlaturi Amerikani u uffiċjali tal-Gvern tal-Istati Uniti f'serje ta' laqgħat kollha sabiex tindirizza l-qagħda ta' ċittadini Amerikani residenti fl-UE, persuni b'ċittadinanza doppja u Amerikani aċċidentali. Ir-rappreżentanti ta' dawk milquta saħqu fuq is-severità tal-problemi involuti, kemm jekk huma l-penali finanzjarji, jew iċ-ċaħda mill-istituzzjonijiet finanzjarji tal-UE (li huma wkoll soġġetti għal tali penali minħabba nuqqas ta' konformità), il-burokrazija sinifikanti, in-nuqqas ta' servizzi konsulari jew in-nuqqas ta' rappreżentanza politika. Xi rappreżentanti ta' dawk affetwati tennew li kienu favur ir-rinunzja taċ-ċittadinanza tal-Istati Uniti bħala l-unika soluzzjoni vijabbli, iżda anke dan huwa proċess għali u kkumplikat.

Matul il-laqgħat, id-delegazzjoni tal-Kumitat PETI saħqet li ma hija favur bl-ebda mod li tippermetti l-evitar tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa taċ-ċittadini tal-Istati Uniti jew il-ħasil tal-flus u d-dissimulazzjoni tal-assi li jsiru permezz tal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-UE iżda l-għan tagħha huwa li tesprimi t-tħassib ta' ċittadini regolari bi dħul baxx u medju li jiffaċċjaw ħafna ostakli fl-aċċess għas-servizzi bankarji f'pajjiżi barranin, u biex tenfasizza il-ħtieġa immedjata li dan jiġi indirizzat.

Il-Membri ġew murija abbozz ta' liġi leġiżlattiv immirat biex jikkoreġi l-effetti mhux intenzjonati tal-FATCA u ittra lis-Segretarju tat-Teżor Yellen li tenfasizza l-ħtieġa li l-FATCA tiġi kkoreġuta. Ir-rappreżentanti tal-Istati Uniti kollha faħħru lid-Delegazzjoni peress li, fil-fehma tagħhom, huwa ferm meħtieġ li titqajjem kuxjenza fil-Capitol dwar din il-kwistjoni u delegazzjonijiet bħall-Kumitat PETI huma l-aħjar mod biex jinkiseb dan.

Il-FATCA bħalissa jiġbor fix-fix-xibka regulatorja tiegħu il-maġġoranza l-kbira tar-residenti

Ewropej regolari u *bona fide* b'ċittadinanza Amerikana jew doppja u Amerikani aċċidentali u jgħabbihom b'burokrazija biżantina sabiex tinkiseb konformità. Dan jikkawża li l-istituzzjonijiet finanzjarji, jibzġu mit-taxxa minn ras il-għajn fuq l-assi tagħhom fl-Istati Uniti fl-iċken każ ta' nuqqas ta' konformità, jirrifjutaw li jipprovdu servizzi lil dawn iċ-ċittadini, inklużi kontijiet bażiċi ta' ħlas, li huwa dritt minqux fil-liġi tal-UE.

Barra minn hekk, minkejja n-nuqqasijiet ċari ta' din l-għodda punittiva li tikkawża ħsara kollaterali, ma hemm l-ebda data dwar jekk il-FATCA rriżultax f'titjib fil-ġbir tat-taxxa tal-Istati Uniti u għalhekk ma hemm ukoll l-ebda data dwar l-effettività tagħha fl-indirizzar tal-evażjoni tat-taxxa jew fit-trażżin tal-evitar tat-taxxa. Lanqas ma hemm data ġenerali dwar l-għadd ta' Amerikani mhux residenti. L-istimi ta' din il-popolazzjoni jvarjaw minn sitta sa disa' miljuni.

Hemm ħtieġa ċara li jiġu ppromulgati l-bidliet amministrattivi meħtieġa fl-applikazzjoni tal-FATCA, u li jittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni mandat mill-FATCA, peress li ma hemm l-ebda reċiproċità mal-UE. Ta' min jinnota wkoll li l-għan tal-FATCA, jiġifieri r-rekwiżit ta' rapportar ta' persuni mhux residenti, huwa riżultat tal-mudell tat-tassazzjoni bbażat fuq iċ-ċittadini (kuntrarju għal dak ibbażat fuq ir-residenza) li huwa applikat biss fl-Istati Uniti u l-Eritrea. Meta persuna ssir ċittadina tal-Istati Uniti, inkluż bis-saħħa tat-twelid fl-art tal-Istati Uniti, din toħloq grupp ta' persuni b'rabtiet limitati biss mal-Istati Uniti, li għalihom huwa estremament diffiċli li jinkiseb NIT meħtieġ biex jikkonformaw mal-FATCA. Din hija waħda mir-raġunijiet għalfejn ċittadini mhux residenti qed jiġu rrifjutati minn banek barranin.

Il-leġiżlaturi fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku jridu jkomplu jaħdmu ħafna biex jiżguraw li l-effetti mhux intenzjonati u l-ħsara kollaterali tal-FATCA jiġu eliminati.

Rakkomandazzjonijiet

Il-Parlament Ewropew, b'mod ġenerali, u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet, b'mod partikolari, għandhom l-akbar rispettt għad-delimitazzjoni tal-kompetenzi tal-Unjoni, li, skont il-prinċipju tal-għoti tal-kompetenzi, ifisser li l-Unjoni għandha taġixxi biss fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lilha mill-Istati Membri fit-Trattati biex tilħaq l-oġettivi stabbiliti fihom.

Abbażi ta' din iż-żjara ta' ġbir ta' informazzjoni, isiru r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin lill-awtoritajiet kompetenti:

1. Li jiġi żgurat li jkun hemm provvista ta' informazzjoni xierqa, ħielsa u komprensiva dwar il-konformità tal-FATCA kemm għaċ-ċittadini tal-Istati Uniti kif ukoll għall-istituzzjonijiet finanzjarji fl-UE;
2. Li iċ-ċittadini tal-UE soġġetti għar-rapportar tal-FATCA jkunu jistgħu jużaw ir-rapportar simplifikat jew ikunu eżentati għal kollox minnu għal dawk li għandhom residenza fit-tul *bona fide* fl-UE;
3. Li jiġi żgurat li l-inġustizzji, ikkawżati mill-FATCA, b'mod speċjali dawk li jirriżultaw f'penali finanzjarji, iffaċċjati minn persuni b'ċittadinanza doppja tal-UE u l-Istati Uniti li jgħixu u jaħdmu fl-UE, kif ukoll lill-hekk imsejħa Amerikani aċċidentali, jiġu kkoreġuti;
4. Li tingħata assistenza liċ-ċittadini tal-UE u lill-istituzzjonijiet finanzjarji dwar il-konformità tat-taxxa, inkluż permezz tal-introduzzjoni mill-ġdid ta' attachés tat-taxxa fl-ambaxxati u l-konsulati tal-Istati Uniti stabbiliti mill-ġdid u t-titjib tad-disponibbiltà tal-hotlines u r-riżorsi online;
5. Li l-Istati Membri jagħtu mandat lill-Kummissjoni, abbażi tal-Artikolu 216 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE, biex tinnegozja mal-Istati Uniti ftehim komuni dwar il-FATCA li jissostitwixxi l-ftehimiet intergovernattivi bilaterali fis-seħħ bħalissa, tħares

l-awtonomija Ewropea u tiżgura reċiproċità sħiħa u konformità mal-liġi tal-UE, b'mod partikolari l-GDPR;

6. Li jinvolvu ruħhom man-naħa tal-Istati Uniti biex jipprovdu triq faċli u aċċessibbli għar-rinunzja taċ-ċittadinanza tal-Istati Uniti għal dawk lesti li jagħmlu dan;
7. Li jiġi żgurat li ċ-ċittadini tal-Istati Uniti li qatt ma ħadmu fl-Istati Uniti u ma kellhomx residenza bħala adulti fl-Istati Uniti jkunu eżentati għal kollox minn rapportar tal-FATCA;
8. Li jiġi żgurat l-infurzar tad-Direttiva dwar il-Kontijiet tal-Flas (2014/92/UE) li taħtha r-residenti kollha fl-UE jkollhom id-dritt għal kont tal-flas b'karatteristiċi bażiċi;
9. Li jikkoordinaw l-azzjoni tal-UE fil-kisba ta' rekwiżiti simplifikati ta' konformità tal-FATCA għaċ-ċittadini tal-UE u l-istituzzjonijiet finanzjarji;
10. Li jitolbu lin-naħa tal-Istati Uniti biex toħroġ gwida regolari dwar il-konformità tal-FATCA għaċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Uniti;
11. Li jiġi stabbilit grupp ta' ħidma tal-UE u tal-Istati Uniti dwar il-konformità tal-FATCA;
12. Li jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-UE dwar is-salvagwardji tad-data jiġu rispettati meta rilevanti.

Fir-rigward tal-petizzjonijiet 1088/2016, 1470/2020, 0323/2021, u 0394/2021, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jagħmel ir-rakkomandazzjoni li ġejja:

Il-petizzjonijiet elenkati hawn fuq għandhom jibqgħu miftuħin; sakemm ikun hemm xi żviluppi, ser jittieħdu deċiżjonijiet aktar tard dwar kif għandhom jipproċedu dawn il-petizzjonijiet.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

Data tal-adozzjoni	22.03.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 27 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Andris Ameriks, Margrete Auken, Alexander Bernhuber, Francesca Donato, Agnès Evren, Gheorghe Falcă, Alexis Georgoulis, Vlad Gheorghe, Peter Jahr, Radan Kanev, Stelios Kypouropoulos, Cristina Maestre Martín De Almagro, Ana Miranda, Dolores Montserrat, Emil Radev, Sira Rego, Frédérique Ries, Massimiliano Smeriglio, Michal Wiezik, Tatjana Ždanoka, Kosma Złotowski
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Mario Furore, Sylvie Guillaume, Maite Pagazaurtundúa, Cristian Terheş
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Estrella Durá Ferrandis, Bogdan Rzońca

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

27	+
ECR	Bogdan Rzońca, Cristian Terheş, Kosma Złotowski
NI	Francesca Donato, Mario Furore, Tatjana Ždanoka
PPE	Alexander Bernhuber, Agnès Evren, Gheorghe Falcă, Peter Jahr, Radan Kanev, Stelios Kypouropoulos, Dolores Montserrat, Emil Radev
Renew	Vlad Gheorghe, Maite Pagazaurtundúa, Frédérique Ries, Michal Wiezik
S&D	Andris Ameriks, Estrella Durá Ferrandis, Sylvie Guillaume, Cristina Maestre Martín De Almagro, Massimiliano Smeriglio
The Left	Alexis Georgoulis, Sira Rego
Verts/ALE	Margrete Auken, Ana Miranda

0	-
---	----------

0	0
---	----------

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni